-

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 23

[Nhar it-Tnejn 28 ta' Diċembru 2020]

Il-Kunsilli Lokali l-Gżira ltaqa' bil-boardroom tal-Kunsill Lokali fil-5pm.

PREŻENTI:

Conrad Borg Manche – Sindku
Ralph Mangion - Vici Sindku
Neville Chetcuti – Kunsillier
Jessica Borg – Kunsilliera
Alexander Zammit – Kunsillier
Ian Buhagiar- Kunsillier
Jeremy Cardona – Kunsillier
Hugh Caruana – Kunsillier
Shaun Farrugia – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

n/a

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Anthony Attard – Deputat Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **23.1** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| 23.1.1 | Ma kien hemm l-ebda ittra t'apoloġija |
| **23.2** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti nru. 22 u 23** |
| 23.2.1 | B'referenza għall-punt 22.2.1, is-Sindku qal illi intbagħtet ittra fis-16 ta' Diċembru fejn il-Kunsill kiteb illi d-deċiżjoni fuq il-pompa tal-petrol għanda tiġi revokata wara li l-persuna li ħadet id-deċiżjoni għall-Planning kienet fil-fatt impjegata [fuq leave] tall-Planning Authority stess. |
| 23.2.2 | B'referenza għal punt 22.2.2 is-Sindku qal illi wieħed mill-impjegati ħa ħsieb l-affarijiet neċessarji għall-Covid Packs. |
| 23.2.3 | B'referenza għal punt 22.2.6 il-kunsillier I.Buhagiar qal illi mar u kellem lil tal-ħaxix u qal illi hu lest iħalli l-affarijiet tarf il-bankina. Ġie imfakkar illi l-go ahead ma tiġix minn naħa tal-Kunsill. Is-Sindku qal illi għandna nagħmlu karta fejn ngħidu li aħna ma nsibu l-ebda oġġezzjoni, izda din m'għandix tiġi interpretata bħala permess. |
| 23.2.4 | B'referenza għal punt 22.6.2 il-kunsillier N.Chetcuti qal illi m'hemm l-ebda permess għall-iskaffolding ġewwa triq Cameron ma Ponsonby. |
| 23.2.5 | B'referenza għal punt 22.7 is-Sindku qal illi se jagħmel laqgħa ma' EneMalta qabel biex naraw jekk humx jixtiequ jidħlu magħna għall-proġett li tista titħallas mill-fondi tal-UDF sabiex id-dawl kollu ssir abjad. |
| 23.2.6 | Il-kunsillier N.Chetcuti ppropona li l-Minuti tal-laqgħa nru. 22 jiġu approvati. Il-kunsillier I.Buhagiar ssekondaħ. |
| 23.2.7 | Ġew moqrija l-Minuti dwar il-baġit, nru. 23. Il-kunsilliera J.Borg ppropona li l-Minuti jiġu approvati. Il-kunsillier N.Chetcuti ssekondaħ. |
| **23.3** | **Korrespondenza mas-Sindku** |
| 23.3.1 | Is-Sindku qal illi l-kuntrattur li xtara l-area fuq, u taħt, il-Kunsill, talab No Objection tal-Kunsill sabiex juża l-ispazju sabiex jibni hotel.<br>Il-kunsillier S.Farrugia staqsa jekk il-P.A joħorġu permessi għall-hotels fl-area. Is-Sindku qal illi dik hija xi ħaġa li għandu jara l-kuntrattur.<br>Il-kunsillier J.Cardona qal illi fil-fehma tiegħu jkollna nitilqu mill-premises.<br>Wara diskussjoni twila, ġie deċiż illi ssir laqgħa flimkien miegħu qabel ma tittieħed deċiżjoni. |
| 23.3.2 | Is-Sindku qal illi se jibgħat ittra ta' ringrazzjament lill-Kappillan l-antik f'isem il-Kunsill |

| | |
|---|---|
| 23.4 | Mistoqsijiet tal-kunsilliera |
| 23.4.1 | Ma kien hemm l-ebda mistoqsija |
| 23.5 | Rapporti |
| 23.5.1 | Is-Sindku qal illi hu mhux kuntent bix-xogħol tal-kuntrattur tal-Public Convenience. Qal illi m'għandux min imur u joqgħod hemm il-ħin kollu. Id-DSE fakkar illi fil-kuntratt ma kien hemm l-ebda talba għall-attendant waqt illi sid il-Bus Stop Kiosk kien offra li hu lest jixtri l-materjal sabiex isiru mill-ġdid. Se ssir laqgħa miegħu. |
| 23.5.2 | Waqt id-diskussjoni fuq ir-rapport tal-ġbir tal-iskart, is-Sindku qal illi kien hemm ħafna tgergir għax is-servizz se tibda siegħa qabel, cioe fis-6pm. Kien hemm diskussjoni fejn ġie deċiż illi l-aħjar għażla tkun sabiex is-servizz tibda filgħodu, fejn qablu li tibda għall-ħabta ta' 9am. |
| 23.6 | *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa |
| 23.6.1 | Il-Viċi Sindku qal illi hemm bzonn refreshing ta' Junction Box ġewwa triq ir-Rebħa, fejn id-Daddy's |
| 23.6.2 | Il-kunsillier J.Cardona qal illi hemm bzonn navzaw lill-ħaddiema fejn huma l-konfini għax ftit mill-materjal illi nibagħtu lin-nies qegħdin imorru fil-lokalita ta' Tas-Sliema. |
| 23.6.3 | Il-kunsillier N.Chetcuti staqsa jekk hemm xi update rigward il-problema tal-ħamiem. Ma kien hemm l-ebda update. Is-Sindku spjega kif weħħilna minn naħa tal-Ministeru tas-Saħħa fuqha. |
| 23.6.4 | Is-Sindku qal Happy Parenting Malta staqsew jekk il-Kunsill lest joffri korsijiet. Il-kunsillier N.Chetcuti staqsa jekk dan possibli issa. Wara diskussjoni ġie deċiż illi naċċettaw sa 4 tfal fis-sala ta' Savoy Gardens. |
| 23.6.5 | Is-Sindku qal illi hemm min hu interessat fil-kors ta' ECDL. Ġie deċiż illi naraw x'interess hemm u jekk hemm nipprovdu l-assistenza. Semma wkoll il-First Aid u ingħata l-istess deċiżjoni. |
| 23.6.6 | Il-Viċi Sindku qal illi hemm bzonn isir il-laqgħa mall-LESA. |
| 23.6.7 | Il-Viċi Sindku ssuġerixxa li ssir monitor fil-front office fejn l-istaff jaraw minn hemm barra l-bieb. Is-Sindku qal illi din kellha ssir bħal ma kien hemm fil-passat. |
| 23.6.8 | Il-kunsillier J.Cardona qal illi hemm bzonn isir refurbishment tal-librerija. |
| 23.7 | *Performance Appraisals* |

| | |
|---|---|
| 23.7.1 | Dwar il-Performance Appraisals, il-kunsilliera H.Caruana qal illi din is-sena kien hemm ftit ilmenti. Żied illi hu personalment ma kinex inqeda xi drabi meta mar il-Kunsill. Il-kunsillier S.Farrugia qabel miegħu.<br>Is-Sindku fakkar illi din is-sena għamlu ħafna mix-xogħol mid-dar, waqt illi l-ilmenti dwar it-telefons u l-bieb ġew diskussi u kulħadd jaf x'ġara. Żied illi x-xogħol dejjem sar, avolja kien hemm il-limitazzjonijiet.<br>Il-kunsillier A.C.Zammit qal illi wieħed irid iqis illi n-nuqqasijiet li kien hemm din is-sena ma kienux tort tall-istaff u fil-fatt huma kienu front-liners. Qal ħadd minnhom ma abanduna x-xogħol.<br>Il-kunsillier I.Buhagiar qal illi jekk qegħdin jippruvaw u jingħataw inqas, ma tridx taqta biex tinki u ma jarax għalfejn hemm bzonn illi wieħed jissogra li jitilfu l-ħeġġa.<br>Il-kunsillier N.Chetcuia qal ma jsib l-ebda oġġezzjoni li jieħdu l-Perf. Bonus izda qal jaqbel ukoll jekk tinqata 1% jekk ikun hemm qbil.<br>Wara diskussjoni twila, il-kunsillier H.Caruana qal illi xtaq jesprimi l-opinjoni u sfortunatament kien hemm ċirkostanzi meta mar il-Kunsill u ma sabx l-assistenza li ried, izda fehem il-punti tas-Sindku. Il-kunsillier J.Cardona qal illi minn naħa tiegħu, kull darba li mar l-Kunsill dejjem sab l-assistenza u ma jistax jgħid illi kellu problema mall-istaff.<br>Il-kunsillier H.Caruana qal illi jixtieq illi s-Sindku jgħid grazzi lill-istaff kollha u sempliċiment jgħidilhom biex is-sena d-dieħla mmorru aħjar min din is-sena. |
| 23.7.2 | Il-kunsillier S.Farrugia semma impjegat partikolari għax ra li ma kienx fuq il-post tax-xogħol ta' spiss. Is-Sindku qal illi l-istess persuna ġab unur kbir għalina ma Malta kollha u qed jaħdem fuq ħafna proġetti. Qal illi jekk jixtiequ, fil-laqgħa li jmiss tiġi preżentata update dwar dawn il-proġetti. |
| 23.7.3 | Il-kunsillier H.Caruana rringrazzja lid-DSE talli sab l-assistenza tiegħu meta kien hemm bzonn. |
| 23.7.4 | Wara dan id-diskors, il-kunsilliera H.Caruana u S.Farrugia qalu li ħassew illi għandom isemmu dawn il-punti. Il-performance bonus's ġew approvati fejn kulħadd ħa l-massimu. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni.<br><br>**Il-Viċi Sindku talab illi jkun skuzat għall-ħabta ta' 19:45 u telaq mill-laqgħa.** |
| 23.8 | Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti |
| 23.8.1 | Il-kunsillier H.Caruana ppropona li l-iskeda tal-pagamenti tiġi approvata. Il-kunsillier A.C.Zammit issekondaħ |
| 23.9 | Mozzjoni |
| 23.9.1 | |

| | |
|---|---|
| 23.10 | Ma kien hemm l-ebda mozzjoni |
| 23.10.1 | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| | Il-laqgha intemmet ghall-habta ta' 8.15pm. Is-seduta li jmiss se tkun nhar Il-Tlieta 26 ta' Jannar fil-5pm. |

Konfermati, illum 26 ta' Jannar 2020.

IFFIRMATA

Conrad Borg Manche
Sindku

IFFIRMATA

Claire Goodlip
Aġent. Segretarju Eżekuttiv